Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10328/26

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0150 (COD)**

AGRI 467
AGRIFIN 114
CODEC 1120

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 282 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 282 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 282 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026
COM(2026) 282 final

2026/0150 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-fertilizzanti huma essenzjali għall-produttività agrikola, għall-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u għas-sigurtà tal-ikel. **Għat-tieni darba f'anqas minn 5 snin, id-dinja u l-Ewropa qed jaraw żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minerali**. Fl-2022, il-Kummissjoni ppreżentat *Komunikazzjoni dwar l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti*[1] (il-Komunikazzjoni tal-2022) li tistabbilixxi miżuri immedjati biex jiġu ssalvagwardjati d-disponibbiltà u l-affordabbiltà. Il-persistenza minn dak iż-żmien 'l hawn tal-prezzijiet għoljin u tad-diffikultajiet strutturali wasslet biex il-Kummissjoni tħabbar *Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti* fil-*Komunikazzjoni REsourceEU*[2], biex tiżgura d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti domestiċi u tipproponi azzjonijiet li jippermettu t-tranżizzjoni lejn nutrijenti riċiklati u alternattivi oħrajn. Il-kriżi tal-Lvant Nofsani kompliet tesponi l-vulnerabbiltajiet strutturali tal-UE fil-provvista tal-fertilizzanti.

Il-fertilizzazzjoni hija waħda mill-akbar kostijiet għall-bdiewa[3]. Il-piż tal-fertilizzanti fuq il-kontijiet tal-azjendi agrikoli huwa partikolarment għoli għall-bdiewa tal-għelejjel li jinħartu, fejn dawn kienu jirrappreżentaw 24 % tal-inputs intermedji u 16 % tal-inputs totali fl-2023[4]. Fl-aħħar trimestru tal-2025, il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa tal-UE kienu għadhom 62 % ogħla mil-livelli tagħhom tal-2020 (qabel il-prezz massimu preċedenti). Fl-ewwel xhur tal-2026, il-prezzijiet tal-fertilizzanti domestiċi tal-UE żdiedu, b'mod partikolari dawk tal-fertilizzanti tan-nitroġenu, xprunati mid-domanda globali, mill-kummerċ, u minn fatturi ġeopolitiċi ewlenin. F'April 2026, il-prezzijiet ġenerali tal-fertilizzanti tan-nitroġenu fl-UE komplew żdiedu b'40 % 'il fuq mil-livell ta' Diċembru 2025.

Kaġun tad-deterjorament fl-affordabbiltà tal-fertilizzanti hemm ir-riskju li l-bdiewa jnaqqsu l-applikazzjoni tal-fertilizzanti, bil-possibbiltà ta' impatti negattivi fuq il-kwalità u r-rendimenti, u li jnaqqsu ż-żona kkultivata, b'impatt fuq il-produzzjoni tal-UE. Dan jista' jwassal ukoll biex il-bdiewa jaqilbu għal għelejjel li jeħtieġu inqas nitroġenu, pereżempju mill-qamħirrum għall-ġirasol jew għall-bus u l-ħemes, jew biex jagħtu prijorità lit-terminu qasir billi jippreferu n-nitroġenu milli l-fosforu u l-potassju, b'konsegwenzi potenzjali fit-tul għall-fertilità tal-ħamrija.

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti[5], sabiex tgħin lill-bdiewa fir-rigward ta' problemi ta' likwidità minħabba l-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti, bħala parti minn pakkett immirat tal-PAK, il-Kummissjoni qed tipproponi emenda tar-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 sabiex tintroduċi tip ġdid ta' intervent skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), il-possibbiltà li jiġi adattat il-livell ta' pagamenti diretti fis-sena kalendarja 2027, u l-possibbiltà li jitħallsu pagamenti bil-quddiem lill-benefiċjarji fil-każ tal-pagamenti diretti qabel is-16 ta' Ottubru 2026.

---

1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti 2022 {COM/2022/590 final/2}. EUR-Lex - 52022DC0590(01) - EN - EUR-Lex
2. Il-Pjan ta' Azzjoni RESourceEU Inħaffu l-pass tal-Istrateġija tagħna dwar il-Materja Prima Kritika biex nadattaw għal realtà ġdida {COM/2025/945 final}. EUR-Lex - 52025DC0945 - MT - EUR-Lex
3. Kienet tirrappreżenta, fl-2024 u fl-2025, ftit aktar minn 7 % tal-kostijiet tal-input għas-settur tal-biedja tal-UE, wara rekord ta' kważi 9 % fl-2022, KEA
4. In-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN)
5. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti: Sħubija biex jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-awtonomija strateġika fir-rigward tal-fertilizzanti prodotti lokalment fl-UE {COM/2026/310 final}. EUR-Lex - 52026DC0310 - MT - EUR-Lex

It-tip il-ġdid ta' intervent, iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u implimentat permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jippermetti lill-Istati Membri li għażlu li jimplimentawh jipprovdu appoġġ ta' likwidità mmirat lejn il-bdiewa l-aktar affettwati mill-kriżi attwali.

Billi jindirizza direttament u malajr l-isfidi tal-fluss tal-flus tal-bdiewa affettwati, l-appoġġ permezz tat-tip il-ġdid ta' intervent se jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel filwaqt li jaħseb għal amministrazzjoni effiċjenti li tippermetti varar rapidu, peress li l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' kostijiet unitarji għal kull ettaru għall-bdiewa.

It-tip ta' intervent se jkun limitat fiż-żmien u mmirat, f'konformità mal-miżuri ġenerali ta' appoġġ għall-kriżi tal-Lvant Nofsani. Bil-ħsieb li jiġi żgurat li r-riżorsi jintużaw bl-iktar mod effiċjenti possibbli, l-Istati Membri li se jistabbilixxu t-tip ta' intervent se jkollhom jiġġustifikaw l-immirar tal-intervent il-ġdid ta' appoġġ lejn dawk l-iktar affettwati, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Barra minn hekk, għandu jiġi ffissat sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dan it-tip ġdid ta' intervent.

Fir-rigward tal-proċess, l-Istati Membri jkollhom jinkludu t-tip il-ġdid ta' intervent fil-Pjan Strateġiku tal-PAK permezz ta' modifika tal-pjan. Din il-preżentazzjoni ta' talba għal emenda strateġika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' ssir biss wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-pagamenti lill-bdiewa jistgħu jsiru diġà malli r-Regolament jidħol fis-seħħ.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Istati Membri jitħallew iħallsu pagamenti bil-quddiem lill-bdiewa fil-każ ta' interventi ta' pagamenti diretti qabel s-16 ta' Ottubru 2026 se jipprovdi flessibbiltà akbar fl-indirizzar tar-restrizzjonijiet tal-likwidità tal-bdiewa. It-talbiet għar-rimborż mingħand il-Kummissjoni għall-pagamenti bil-quddiem li jsiru qabel is-16 ta' Ottubru 2026 jistgħu jsiru biss mad-dikjarazzjoni ta' Novembru, għax inkella jkun hemm ir-riskju li jinqabeż il-limitu massimu baġitarju tal-FAEG. L-ebda flessibilizzazzjoni bħal din mhi meħtieġa għall-FAEŻR għax is-sistema attwali diġà tippermetti pagamenti bil-quddiem.

Sabiex l-Istati Membri jkollhom aktar flessibbiltà meta jindirizzaw l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti, se jitħallew ukoll jaġġustaw l-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u jagħmlu l-emendi meħtieġa tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom biex jadattaw għas-sitwazzjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija konsistenti mal-qafas legali ġenerali stabbilit għall-Politika Agrikola Komuni u hija limitata għal emenda mmirata tar-Regolament (UE) 2021/2115 u tar-Regolament (UE) 2021/2116. Il-proposta hija parti mill-pakkett tal-PAK kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti u tikkomplementa l-miżuri l-oħrajn kollha meħudin mill-Unjoni bil-ħsieb li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni attwali, b'mod partikolari dawk il-miżuri fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat u r-riżerva għall-agrikoltura maħsubin biex jipprovdu likwidità.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emendi mmirati tar-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 u żżomm konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-kompetenza għall-agrikoltura tkun maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jistabbilixxi politika agrikola komuni b'objettivi u implimentazzjoni komuni. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-objettivi komuni u l-implimentazzjoni komuni ta' tip ġdid ta' intervent għall-iżvilupp rurali għall-appoġġ għall-kriżijiet, il-possibbiltà li l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti jiġu adattati għas-sena kalendarja 2027 u l-possibbiltà ta' pagamenti bil-quddiem preċedenti fil-każ tal-pagamenti diretti li jsiru lill-bdiewa mill-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tinkludi emendi limitati u mmirati li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li tingħata għajnuna eċċezzjonali u temporanja lill-bdiewa, li huma partikolarment affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolament huwa l-istrument xieraq biex tiddaħħal il-miżura addizzjonali meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn iċ-ċirkustanzi bla preċedent.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

M/A

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba n-natura teknika, limitata, u urġenti tal-modifiki proposti, il-proposta legali mhijiex adattata għal konsultazzjoni pubblika wiesgħa. Barra minn hekk, l-inizjattiva sempliċiment torbot mal-impenn li sar fil-Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti rigward dawn l-emendi. Meta jitqiesu l-urġenza u l-ħtieġa li l-koleġiżlaturi jadottaw ir-Regolament malajr kemm jista' jkun, il-proposta mhux se tiġi ppubblikata għall-feedback fil-portal Semma' Leħnek wara l-adozzjoni tagħha. Madankollu, dan il-memorandum ta' spjegazzjoni se jintbagħat lill-istituzzjonijiet l-oħrajn flimkien mal-att ta' akkumpanjament u se jkun disponibbli għall-pubbliku permezz tal-EUR-Lex.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

M/A

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt biex titħejja l-proposta għar-Regolament (UE) 2021/2115 u r-Regolament (UE) 2021/2116. L-emendi limitati li qed jiġu proposti ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt separat.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta kienet soġġetta għall-Kontroll Diġitali tal-Kummissjoni, li għandu l-għan li jiżgura l-allinjament adegwat tal-proposti ta' politika mal-ambjenti diġitali.

It-test propost tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma fih l-ebda obbligu jew kriterju stabbilit f'paragrafu jew artikolu tat-test legali li jikkonċerna l-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, l-iskambju, jew il-kondiviżjoni tad-data; l-awtomatizzazzjoni jew id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-partijiet ikkonċernati; l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda jew eżistenti u/jew ta' servizzi pubbliċi diġitali.

- **Drittijiet fundamentali**

M/A

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-QFP 2021–2027, peress li kwalunkwe bidla hija fi ħdan il-pakketti eżistenti tal-PAK.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tat-tip il-ġdid ta' intervent se tiġi mmonitorjata u rrapportata fil-qafas tal-mekkaniżmi ta' rapportar ġenerali eżistenti stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/2115. Il-proposti għal pagamenti bil-quddiem aktar bikrin u għall-aġġustament tal-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 m'għandhom l-ebda implikazzjoni fuq il-mekkaniżmi eżistenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni, u ta' rapportar ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/2116.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

M/A

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Sabiex jiġu indirizzati l-impatt tal-kriżi tal-Lvant Nofsani u ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti li għandhom impatt kbir fuq l-introjtu tal-bdiewa u l-likwidità tagħhom, huwa propost li r-Regolament (UE) 2021/2115 u r-Regolament (UE) 2021/2116 jiġu emendati biex:

- Jiġi introdott tip ġdid ta' intervent biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ ta' likwidità eċċezzjonali u temporanju lill-bdiewa affettwati mill-kostijiet ogħla tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani. It-tip il-ġdid ta' intervent jista' jiġi kofinanzjat sa 65 % mill-FAEŻR u s-sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni huwa ta' 25 % tal-ammonti riżervati għall-pagamenti ta' kriżi għas-snin 2026–2027. L-Istati Membri jistgħu jżidu finanzjament nazzjonali addizzjonali sa 200 %.
- Jiġi previst li l-Istati Membri jħallsu rata ogħla ta' pagamenti bil-quddiem u li jkun possibbli li jħallsu pagamenti bil-quddiem qabel is-16 ta' Ottubru 2026 biex jappoġġaw il-fluss tal-flus tal-bdiewa.

- Tiġi prevista l-possibbiltà li l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti jiġu adattati għas-sena kalendarja 2027 biex ikun jista' jsir ippjanar flessibbli tal-appoġġ lill-bdiewa fl-aħħar sena tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

2026/0150 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-kriżi reċenti tal-Lvant Nofsani u l-għeluq *de facto* tal-Istrett ta' Hormuz wasslu għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet globali taż-żejt, tal-gass u tal-fertilizzanti. In-natura globali tas-swieq affettwati għandha effetti sinifikanti fuq il-prezzijiet fuq diversi setturi fl-ekonomija tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha.

(2) Is-settur agrikolu huwa affettwat direttament miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti peress li l-fertilizzanti huma essenzjali għall-produttività agrikola, għall-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u għas-sigurtà tal-ikel. Ix-xiri ta' fertilizzanti jikkostitwixxi wieħed mill-ogħla kostijiet tal-input għall-bdiewa. Minbarra l-livell tal-prezzijiet, il-volatilità tas-suq twassal għal esponiment partikolari tal-bdiewa tal-Unjoni. Iż-żieda fil-kostijiet tal-fertilizzanti tista' ġġiegħel lill-bdiewa jużawhom inqas, b'riskju ċar ta' tnaqqis fil-kwalità u fir-rendimenti. Dan jista' jwassal ukoll għal tnaqqis fiż-żona li jikkultivaw, li jaffettwa l-produzzjoni agrikola tal-Unjoni.

(3) Sabiex jiġu indirizzati malajr il-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel tal-Unjoni li jirriżultaw minn din il-kriżi u sabiex il-bdiewa jiġu megħjuna jiffaċċjaw problemi ta' likwidità, jixraq li jiġi permess appoġġ eċċezzjonali u temporanju billi jiġi introdott tip ġdid ta' intervent għall-appoġġ għall-kriżijiet fir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-

[6] ĠU C , , p. .

[7] ĠU C , , p. .

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] previst permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u billi tingħata aktar flessibbiltà lill-Istati Membri dwar il-pagament bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti fir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' dan it-tip ġdid ta' intervent ma tirriżultax f'żieda tal-limiti tal-applikazzjoni fuq l-art tal-fertilizzanti kif determinat fil-programmi ta' azzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[10].

(4) L-appoġġ skont it-tip il-ġdid ta' intervent jenħtieġ li jikkonċentra r-riżorsi disponibbli fuq il-bdiewa attivi li huma l-aktar affettwati mill-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti u jenħtieġ li jingħata għall-kostijiet addizzjonali għall-fertilizzanti mġarrba mill-bdiewa bħala riżultat taż-żidiet fil-prezzijiet li bdew iseħħu mill-1 ta' Marzu 2026. Din id-data sservi biss bħala d-data ta' referenza biex jiġi ddeterminat il-prezz ogħla tal-fertilizzanti u mhijiex marbuta mal-eliġibbiltà tal-pagamenti lill-benefiċjarji. Biex jiġu ppremjati l-bdiewa li diġà qed inaqqsu l-użu tal-fertilizzanti permezz ta' impenji bbażati fuq iż-żona, jistgħu jiġu pprovduti rati ogħla ta' appoġġ għal dawk il-bdiewa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għall-għarfien u għall-informazzjoni rilevanti dwar kif jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti jkun disponibbli għall-benefiċjarji ta' dan l-intervent. Sabiex jiġu żgurati użu effiċjenti tal-appoġġ pubbliku u distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ fost il-bdiewa eliġibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jillimitaw l-appoġġ massimu għal kull benefiċjarju jew l-għadd massimu ta' ettari li għalihom jingħata appoġġ. Minħabba n-natura urġenti, temporanja u eċċezzjonali ta' din il-miżura u l-ħtieġa ta' żborż rapidu tal-pagamenti korrispondenti, jenħtieġ li tiġi stabbilita data tat-tmiem għall-pagamenti lill-benefiċjarji.

(5) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ totali li jirċievi l-bidwi, flimkien ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni mfassla biex jindirizzaw l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti, ma jwassalx għal kumpens żejjed jew għal finanzjament doppju meta jingħata appoġġ għat-tip il-ġdid ta' intervent.

(6) Sabiex jiġi inċentivat l-użu ta' strumenti finanzjarji għal dan it-tip ta' appoġġ, jenħtieġ li r-rati massimi ta' appoġġ ma japplikawx meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta' kapital operatorju awtonomu.

(7) Sabiex jiġi evitat dewmien għall-pagamenti lill-bdiewa li jiffaċċjaw problemi ta' likwidità, jenħtieġ li jiġi previst li l-eliġibbiltà tan-nefqa ffinanzjata mill-FAEŻR għat-tip il-ġdid ta' intervent tista' tibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kif ukoll qabel il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' talba għal emenda strateġika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tintroduċi dak l-intervent.

---

8 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

9 Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

10 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).

(8) Il-finanzjament tal-interventi skont it-tip il-ġdid ta' intervent jenħtieġ li jiġi pprogrammat b'rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR sa 65 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.

(9) Sabiex jiġi żgurat finanzjament adegwat tat-tip il-ġdid ta' intervent previst f'dan ir-Regolament mingħajr ma jiġu kompromessi objettivi oħra tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-ammonti riżervati għall-pagamenti f'każ ta' kriżi, jenħtieġ li jiġi stabbilit sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għat-tip il-ġdid ta' intervent.

(10) Minħabba n-natura speċjali tiegħu, it-tip il-ġdid ta' intervent jenħtieġ li jkun eżentat mill-obbligu li jikkontribwixxi għall-indikaturi tar-riżultat elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115.

(11) Meta jiġi introdott dan it-tip ġdid ta' intervent fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li tali talba għal emenda strateġika ma titqiesx bħala waħda mit-talbiet massimi possibbli għal emendi strateġiċi fis-sena.

(12) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, il-finanzjament nazzjonali addizzjonali massimu għall-interventi skont it-tip il-ġdid ta' intervent jenħtieġ li jkun limitat għal 200 % tal-finanzjament tal-FAEŻR għal dan it-tip ta' intervent.

(13) Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li jiżdied indikatur tal-output addizzjonali għat-tip il-ġdid ta' intervent.

(14) It-Titolu tal-Anness XV tar-Regolament (UE) 2021/2115 jenħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti li l-limiti finanzjarji tal-appoġġ jinkludu l-finanzjament għat-tip il-ġdid ta' intervent introdott b'dan ir-Regolament.

(15) L-Artikolu 103(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jaġġustaw l-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti billi jittrasferixxu fondi lejn u mill-allokazzjonijiet tagħhom għall-FAEŻR għas-snin kalendarji mill-2023 sal-2026. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jimplimentaw b'suċċess l-istrateġiji nazzjonali rispettivi li jirfdu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, inkluż strateġiji biex ilaħħqu ma' kriżi mhux mistennija bħall-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti, jenħtieġ li jitħallew jaġġustaw l-allokazzjonijiet għall-pagamenti diretti wkoll għas-sena kalendarja 2027 f'limitu massimu partikolari, abbażi tal-limiti ta' trasferiment applikabbli fir-rigward tas-snin kalendarji mill-2023 sal-2026, u jitħallew jemendaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom kif xieraq. Għalhekk, jixraq li tiġi prevista dispożizzjoni ġdida għal dak l-għan fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) 2021/2115 u Anness relatat ġdid b'ammonti massimi ta' żieda u ta' tnaqqis għal kull Stat Membru. Barra minn hekk, huwa meħtieġ ukoll li jsiru emendi tal-Artikolu 87(2), l-Artikolu 112(2), il-punt (b), l-Artikolu 119(2) u (7) u l-Artikolu 121 ta' dak ir-Regolament sabiex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex tqis l-aġġustamenti mingħajr il-perjodu għall-adozzjoni ta' dak l-att li jitqies għall-kalkolu tal-limiti ta' żmien għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni, tirrikjedi li l-Istati Membri jinkludu tali aġġustamenti fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom u jemendaw permezz ta' emenda strateġika l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, u tiżgura li l-emendi li jirriżultaw ma jitqisux fost l-għadd massimu ta' emendi strateġiċi possibbli kull sena.

(16) Minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani u ż-żieda konsegwenti fil-prezzijiet tal-fertilizzanti u l-esponiment għar-riskju finanzjarju tal-bdiewa, il-livell attwali ta' pagament bil-quddiem ma għadux biżżejjed. Sabiex jiġu appoġġati l-bdiewa li qed jesperjenzaw problemi ta' likwidità u peress li l-effetti ta' din il-kriżi x'aktarx li jippersistu matul is-

sena 2026, jixraq li jinbidlu r-rati massimi għall-pagamenti bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti fir-Regolament (UE) 2021/2116, sabiex tkun tista' titħallas rata ogħla għal dik is-sena kalendarja. Għalhekk, jixraq li r-rata massima tal-pagamenti bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti tiżdied minn 70 % għal 75 %, fil-limitu stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] ("ir-Regolament Finanzjarju").

(17) Bħalissa l-Istati Membri jistgħu jħallsu pagamenti bil-quddiem lill-bdiewa fil-perjodu mis-16 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru tas-sena kalendarja. Sabiex jiġu appoġġati l-bdiewa li jesperjenzaw problemi ta' likwidità kkawżati minn prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti, jixraq li l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà fir-rigward taż-żmien tal-pagamenti bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti u li tali pagamenti jkunu jistgħu jsiru aktar kmieni fis-sena, direttament wara l-applikazzjoni għall-appoġġ. Madankollu, meta jitqies li l-pagamenti bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti mħallsa mill-Istati Membri lill-bdiewa f'sena kalendarja waħda għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni lill-Istati Membri biss mill-baġit tas-sena ta' wara, il-pagamenti bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti mħallsa lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru 2026 jenħtieġ li jitqiesu bħala li jkunu saru matul ix-xahar ta' Novembru 2026 u li jkunu ddikjarati mill-Istati Membri għar-rimborż mad-dikjarazzjoni relatata ma' dak ix-xahar sabiex jiġu rimborżati mill-Kummissjoni fil-bidu tas-sena 2027.

(18) F'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà li jistabbilixxu s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom. L-Istati Membri huma mħeġġa jaġġustaw is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom biex jiżguraw li l-flessibbiltà addizzjonali dwar iż-żmien u d-daqs tal-pagamenti bil-quddiem prevista minn dan ir-Regolament tippermetti appoġġ f'waqtu u effettiv lill-bdiewa. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeċiedu liema verifiki jridu jiffinalizzaw qabel ma jiżborżaw il-pagamenti bil-quddiem biex jindirizzaw il-ħtiġijiet urġenti ta' likwidità. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll il-possibbiltà li jkunu jistgħu jirkupraw kwalunkwe pagament bil-quddiem mhux dovut u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni qabel ma jsir il-pagament finali. Meta jsiru l-pagamenti finali, l-Istat Membru jenħtieġ li jivvaluta r-riskju ta' nuqqas ta' konformità billi juża għażliet bħal kontrolli fuq l-eliġibbiltà u fuq nuqqasijiet ta' konformità possibbli u l-irkupru ta' ammonti li tħallsu meta ma kinux dovuti. Meta jkun hemm fis-seħħ sistema effiċjenti ta' ġestjoni u ta' kontroll, inkluż dwar il-ġestjoni tad-dejn, x'aktarx li ma jinħolqux nuqqasijiet serji.

(19) Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 21, 35 u 44 tar-Regolament (UE) 2021/2116 jiġu emendati, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu pagamenti bil-quddiem fil-każ tal-pagamenti diretti lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru fis-sena kalendarja 2026.

(20) Ir-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(21) Minħabba l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

---

11 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2021/2115**

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 69, jiżdied il-punt li ġej:

"(j) appoġġ lill-bdiewa affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani";

(2) fit-Titolu III, fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 1, jiżdied l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 78b*

**Appoġġ lill-bdiewa affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ temporanju eċċezzjonali lill-bdiewa attivi li huma affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ skont dan l-Artikolu jkun immirat għall-bdiewa li huma l-aktar affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti, billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà abbażi tal-evidenza disponibbli.

3. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkopri l-kostijiet addizzjonali tal-fertilizzanti kkawżati mill-iżviluppi tas-suq li jirriżultaw mill-kriżi tal-Lvant Nofsani fil-perjodu li jibda fl-1 ta' Marzu 2026. Għall-fini tal-kalkolu ta' dawk il-kostijiet addizzjonali, abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu prezz referenzjarju medju li jkun ibbażat fuq il-prezz għall-fertilizzanti ta' mill-inqas 3 xhur konsekuttivi fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2025 u t-28 ta' Frar 2026 u prezz rappreżentattiv li jkun ibbażat fuq il-prezz għall-fertilizzanti matul perjodu definit mill-Istat Membru, li ma għandux jibda qabel l-1 ta' Marzu 2026. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jieħu l-forma ta' kost ta' unità għal kull ettaru kkalkulat abbażi tal-konsum annwali medju ta' fertilizzanti għal kull żona, differenzjat skont is-setturi jew is-sistemi ta' produzzjoni. Inkella, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-appoġġ skont dan l-Artikolu fuq il-kostijiet reali mġarrba minn kull benefiċjarju billi jużaw l-istess prezz referenzjarju kif deskritt f'dan il-paragrafu.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati ta' appoġġ applikabbli biex ikopru sa 50 % tal-kostijiet addizzjonali għall-fertilizzanti. Dawk ir-rati jistgħu jiżdiedu sa 80 % għall-bdiewa li għandhom impenji jew rekwiżiti biex inaqqsu l-użu ta' fertilizzanti skont l-Artikolu 31, l-Artikolu 70 jew l-Artikolu 72. Għal strumenti finanzjarji fil-forma ta' kapital operatorju awtonomu, għandu japplika l-Artikolu 80(4).

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limitu massimu għal kull benefiċjarju għall-ammont massimu ta' appoġġ jew għall-għadd massimu ta' ettari appoġġati.

6. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jitħallas lill-bidwi sat-30 ta' Ġunju 2027.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa li jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu jkollhom aċċess għall-għarfien u għall-informazzjoni rilevanti biex jottimizzaw l-użu sostenibbli tal-fertilizzanti.

8. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni tal-intervent skont dan l-Artikolu ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni.";

(3) L-Artikolu 80 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-appoġġ fil-forma ta' strumenti finanzjarji msemmi fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jista' jingħata skont it-tipi ta' intervent imsemmija fl-Artikoli minn 73 sa 78 u 78b ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"F'konformità mal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-kapital operatorju, inkluż il-kapital operatorju awtonomu, jista' jkun nefqa eliġibbli skont l-Artikoli 73, 74, 76, 77, 78 u 78b ta' dan ir-Regolament, jekk ikun jikkontribwixxi għall-kisba ta' mill-inqas objettiv speċifiku wieħed rilevanti għall-intervent ikkonċernat.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-Artikoli 73, 74, 76, 77, 78 u 78b, ir-rati ta' appoġġ stabbiliti f'dawk l-Artikoli ma għandhomx japplikaw għall-finanzjament tal-kapital operatorju awtonomu.";

(4) fl-Artikolu 86(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Pjan Strateġiku tal-PAK jista' jipprevedi li fil-każ ta' tip ta' intervent skont l-Artikolu 78b, l-eliġibbiltà tan-nefqa ffinanzjata mill-FAEŻR relatata mal-emendi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tista' tibda qabel id-data tal-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tat-talba għal emenda iżda mhux qabel […] [OPOCE: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].";

(5) fl-Artikolu 87(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 152 li jemendaw l-allokazzjonijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Annessi V u IX biex jitqiesu l-iżviluppi relatati mal-ammont massimu totali tal-pagamenti diretti li jistgħu jingħataw, inkluż it-trasferimenti msemmija fl-Artikoli 17 u 103, il-modifika tal-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 103a, it-trasferimenti tal-allokazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 88(5) u kwalunkwe tnaqqis meħtieġ biex jiġu ffinanzjati t-tipi ta' intervent f'setturi oħra msemmija fl-Artikolu 88(6).";

(6) fl-Artikolu 91(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) 65 % tan-nefqa pubblika eliġibbli għal pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew
restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona skont l-Artikolu 71 u għall-appoġġ skont l-Artikolu 78b";

(7) l-Artikolu 96 a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 96a*

**Allokazzjonijiet finanzjarji massimi għall-pagamenti f'każ ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 78a u appoġġ lill-bdiewa msemmi fl-Artikolu 78b**

1. L-ammont massimu għal kull Stat Membru li jista' jiġi riżervat għall-pagamenti f'każ ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi msemmija fl-Artikolu 78a u għall-appoġġ lill-bdiewa affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani msemmi fl-Artikolu 78b għandu jkun limitat għall-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV.

2. Massimu ta' 25 % tal-ammonti annwali stabbiliti fl-Anness XV jistgħu jiġu riżervati għall-finanzjament tal-appoġġ lill-bdiewa msemmi fl-Artikolu 78b.

3. In-nefqa totali tal-FAEŻR għall-pagamenti f'każ ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 78a u 78b ma għandhiex taqbeż is-somma tal-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal dawn it-tipi ta' intervent għas-snin finanzjarji 2026 u 2027, kif stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 112(2), il-punt (a), u kif approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 119. Dak il-limitu massimu finanzjarju għandu jikkostitwixxi limitu massimu finanzjarju stabbilit mil-liġi tal-Unjoni.";

(8) fit-Titolu IV, jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 103a*

**Allokazzjonijiet ta' pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027**

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu jew inaqqsu l-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Annessi V u IX għas-sena kalendarja 2027 b'ammont mhux ogħla mill-ammont ta' żieda u ta' tnaqqis stabbilit fl-Anness XVI għal kull Stat Membru, bħala parti minn talba għal emenda strateġika tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom imsemmija fl-Artikolu 119.";

(9) fl-Artikolu 111, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-punt (e) tal-ewwel paragrafu ma għandux japplika għat-tip ta' intervent fis-settur tal-apikultura msemmi fl-Artikolu 55(1), il-punti (a) u minn (c) sa (g), l-interventi skont it-tip ta' intervent fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 58(1), il-punti minn (h) sa (k), l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal skemi tal-kwalità skont it-tip ta' intervent għall-kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 77, l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-pagamenti f'każ ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi msemmija fl-Artikolu 78a, u l-interventi skont it-tip ta' intervent għall-appoġġ lill-bdiewa affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti msemmija fl-Artikolu 78b.";

(10) fl-Artikolu 112(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) it-trasferimenti tal-ammonti msemmija fil-punt (a) bejn it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti u t-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali f'konformità mal-Artikolu 103, kwalunkwe tnaqqis tal-allokazzjonijiet tal-Istat Membru għat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ammonti għat-tipi ta' intervent f'setturi oħra msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7, f'konformità mal-Artikolu 88(6), u kwalunkwe modifika tal-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti f'konformità mal-Artikolu 103a";

(11) L-Artikolu 119 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) emendi relatati mal-Artikolu 17(5), l-Artikolu 88(7), l-Artikoli minn 92 sa 98, l-Artikolu 103(1), (5) u (6) jew l-Artikolu 103a;";

(b) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Talba għal emenda strateġika relatata mal-Artikolu 17(5), l-Artikolu 78b, l-Artikolu 88(7), l-Artikolu 103(5) jew (6) jew l-Artikolu 103a ma għandhiex titqies bħala parti mil-limitu stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(12) fl-Artikolu 121, it-tieni subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għall-emendi relatati mal-Artikolu 17(5), l-Artikolu 88(7), l-Artikolu 103(5) u l-Artikolu 103a, il-perijodu għall-adozzjoni tal-att delegat għall-emendar tal-allokazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 87(2).";

(13) fl-Artikolu 146, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali sa 200 % tal-finanzjament tal-FAEŻR allokat fil-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-appoġġ skont l-Artikolu 78b.";

(14) l-Annessi I u XV huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(15) it-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness XVI.

*Artikolu 2*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2021/2116**

Ir-Regolament (UE) 2021/2116 huwa emendat kif ġej:

(1) in Article 21(2), the first subparagraph is replaced by the following:

"2. Il-pagamenti ta' kull xahar għandhom isiru lil kull Stat Membru fit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara dak li fih issir in-nefqa jew qabel dak il-jum, filwaqt li jitqiesu t-tnaqqis jew is-sospensjonijiet li jsiru skont l-Artikoli 39 sa 42 u kull korrezzjoni oħra. In-nefqa li tkun saret mill-Istati Membri bejn l-1 u l-15 ta' Ottubru għandha titqies bħala nefqa li tkun saret fix-xahar ta' Ottubru. In-nefqa li tkun saret bejn is-16 u l-31 ta' Ottubru għandha titqies bħala nefqa li tkun saret fix-xahar ta' Novembru. In-nefqa li tkun saret mill-Istati Membri biex iħallsu pagamenti bil-quddiem qabel is-16 ta' Ottubru fis-sena kalendarja 2026 skont l-Artikolu 44(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), għandha titqies bħala nefqa li tkun saret fix-xahar ta' Novembru u għandha tiġi ddikjarata fid-dikjarazzjoni relatata ma' dak ix-xahar.";

(2) L-Artikolu 35 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 35*

**Sena finanzjarja agrikola**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u tad-dħul relatati mal-intervent pubbliku stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 47(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u dwar id-dikjarazzjonijiet tan-

nefqa relatati mal-pagamenti mħallsa bil-quddiem qabel is-16 ta' Ottubru fis-sena kalendarja 2026 skont l-Artikolu 44(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), is-sena finanzjarja għandha tkopri n-nefqa mħallsa u d-dħul riċevut u mdaħħal fil-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR mill-aġenziji tal-pagamenti fir-rigward tas-sena finanzjarja N li tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena N – 1 u li tintemm fil-15 ta' Ottubru tas-sena N.";

(3) fl-Artikolu 44(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) qabel l-1 ta' Diċembru, iżda mhux qabel is-16 ta' Ottubru, jagħmlu pagamenti bil-quddiem sa 70 % għal interventi fil-forma ta' pagamenti diretti u għall-għajnuna li tikkostitwixxi pagamenti diretti skont il-miżuri msemmija fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013; madankollu, fir-rigward tas-sena tat-talba 2026, l-Istati Membri jistgħu jħallsu bil-quddiem sa 75 % għal dawk l-interventi u l-miżuri u jistgħu jħallsu dawn il-pagamenti bil-quddiem qabel is-16 ta' Ottubru 2026.".

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................... 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..................... 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..................... 3

1.3. Objettiv(i) ..................... 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..................... 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..................... 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..................... 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..................... 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ..................... 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..................... 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..................... 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..................... 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..................... 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..................... 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..................... 5

1.6. Durata tal-proposta/inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..................... 6

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..................... 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..................... 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..................... 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..................... 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..................... 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..................... 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..................... 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..................... 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ..... 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ..... 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ..... 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ..... 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ..... 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ..... 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ..... 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ..... 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ..... 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ..... 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ..... 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ..... 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ..... 30
4.2. Data ..... 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ..... 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ..... 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ..... 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

